*Art.6(1),13 u Art.1. Prot.1 tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Art 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*Esproprjazzjoni*

*Dewmien biex jigi appuntat Appell*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 4**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 38/2015/LSO**

**Joseph De Conti Manduca (ID 53238M), Mary Louise Manduca (ID 353236M), Therese Calleja (ID 435039M), Jean De' Conti Manduca (ID 516140M), Marguerite De' Conti Manduca (ID 288948M)**

**f'isimha proprju u bħala mandatarja ta` ħuha assenti Louis Manning (Tax number 885710710, UK Passport number 212716187), Raymond De' Conti Manduca (ID 177844M), David De' Conti Manduca (ID 213045M), Helen Leone Ganado (ID 1056646M), Angele Vella (ID 94250M) u Bernard De Conti Manduca (ID 780053M)**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Joseph De Conti Manduca *et*. datat 13 ta' Mejju 2015 fejn esponew: -

Illi l-esponenti huma kollettivament proprjetarji ta' terz indiviż tal-intier ossia żewġ terzi tan-nofs indiviż tal-proprjeta` hawn taħt indikata li hija sitwata fis-Swieqi.

Illi huma ġew mgħarrfa permezz tal-ittra uffiċjali datata 13 t'April 2011 ippreżentata fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet mill-Kummissarju tal-Artijiet, illi għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Kummissarju tal-Artijiet irrefera għall-Avviżi numru 304, 305, 309 u 310 tal-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data 29 ta' Marzu 2010 dwar xiri b'titolu assolut għan-nofs indiviż tas-segwenti artijiet fis-Swieqi:

a. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 182 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' beni ta' Therese Calleja et, mil-Lvant u mil-Lbiċ ma' beni ta' sidien mhux magħrufa, jew irjieħ verjuri msejħa Plot '1';

b. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,771 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' ġid ta' Giuliano Sammut, mix-Xlokk ma' beni ta' Therese Calleja et u min-Nofsinhar ma' beni tal-werrieta ta' Olga Demarco jew irjieħ verjuri msejħa Plot '2';

c. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 141 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' beni ta' Theresa Calleja et u mill-Punent ma' beni tal-werrieta ta' Olga Demarco jew irjieħ verjuri Plot 'T1';

d. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 50 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Giuliano Sammut, mill-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' beni ta' Therese Calleja et jew irjieħ verjuri msejħa Plot 'T2'.

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet offra s-segwenti ammonti f'kumpens għan-nofs indiviż tal-biċċiet ta' art fuq imsemmijin:

a. Plot '1' – €48,000
b. Plot '2' – €77,000
c. Plot 'T1' – €1,533
d. Plot 'T2' – €5,446

Illi għalhekk, ladarba l-esponenti huma kollettivament proprjetarji ta' żewġ terzi tan-nofs indiviż in kwistjoni, l-ammonti offruti mill-Kummissarju tal-Artijiet fil-konfront tagħhom huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Plot '1' – | €32,000.00 |
| b. | Plot '2' – | €51,333.33 |
| c. | Plot 'T1' – | €1,022.00 |
| d. | <u>Plot 'T2' –</u> | <u>€3,644.00</u> |
| | Total | <u>€87,999.33</u> |

Illi l-esponenti dehrilhom li dawn l-offerti kienu baxxi u għalhekk m'aċċettawhomx u resqu proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet kif kien jispetta lilhom mil-liġi a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-mori ta' dawk il-proċeduri, l-esponenti resqu stima magħmula mill-Perit Paul Camilleri li skont huma kienet dik li tfornixxi l-kumpens ġust. Ir-riżultanzi ta' din l-istima, fejn

jikkonċernaw iż-żewġ terzi appartenenti lill-esponenti, kienu s-segwenti:

a. Plot ‘1’ – prezz mitlub għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €55,000.00

b. Plot ‘2’ - prezz mitlub għaż-2/3 tan-nofs indiviż - €536,666.67

c. Plot ‘T1’ – prezz mitlub għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €21,333.33

d. <u>Plot ‘T2’ – prezz mitlub għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €7,666.67</u>

Total <u>€620,666.67</u>

Illi fil-mori tal-kawża Plot ‘1’ ġiet rilaxxata u għalhekk ma baqgħatx bħala mertu ta’ dik il-kawża.

Illi l-Onorabbli Bord kien inkariga tnejn mill-Membri Tekniċi tiegħu b’digriet mogħti fis-seduta tal-24 ta’ Ġunju 2011 sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-valur tar-rimanenti tliet biċċiet ta’ art. Huma waslu għas-segwenti konklużjonijiet:

a. Plot ‘2’ – valur għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €472,267

b. Plot ‘T1’ – valur għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €18,800

c. Plot 'T2' – valur għaż-2/3 tan-nofs indiviż – €6,667

Total €497,734

Illi l-Onorabbli Bord wasal għal deċiżjoni finali u addotta l-istimi tal-Membri Tekniċi tiegħu billi ta sentenza f'dan is-sens fit-22 t'Ottubru 2014.

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet intavola appell minn dik is-sentenza fis-6 ta' Novembru 2014.

Illi l-esponenti resqu r-risposta tagħhom għal tali appell fit-28 ta' Novembru 2014.

Illi kontestwalment mar-risposta tal-appell, l-esponenti kienu ntavolaw rikors sabiex l-appell in kwistjoni jinstema' malajr kemm jista' jkun tenut kont tal-fatt:

a. Illi l-esponenti huma anzjani u ilhom jistennew żmien sabiex eventwalement jiġu kkompensati għall-proprjeta` li ttiħditilhom;

b. Illi fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Onorabbli Bord, il-Kummissarju tal-Artijiet mhux talli ħa pussess tal-art tagħhom iżda saħansitra l-art ġiet totalment żviluppata u okkupata, u qiegħda tiġi mgawda mis-soċjeta` mentri l-esponenti għadhom qed jistennew l-eventwali kumpens tagħhom; Fil-proprjetà llum hemm kunsill lokali, għassa tal-Pulizija u *play ground.*

c. Illi l-esponenti għamlu referenza għall-proċeduri ta' 'Peter Azzopardi (Canadian Brothers) kontra r-Repubblika ta' Malta' (28177/12) deċiża mill-Qorti Ewropea (Strasbourg) fejn ġie ribadit għal darb'oħra illi dewmien fi proċeduri simili huma ta' preġudizzju u jledi d-drittijiet fondamentali tal-individwu (f'każ li jinsab li hemm ksur tad-drittijiet fondamentali, l-eventwali kumpens li jitħallas lill-individwu jitħallas mill-fond konsolidat u cioe` mill-flus li nġabru mit-taxxi miġbura mingħand iċ-ċittadin u għalhekk l-esponenti għandhom kull interess illi dawn il-proċeduri ma jagħtux lok għal ksur ulterjuri tad-drittijiet fondamentali tagħhom li eventwalment ifisser li anke huma stess ikunu qegħdin jikkompensaw lilhom infushom b'mod indirett);

d. Illi s-sentenza appellata kkonfermat preċiżament il-valur likwidat mill-Periti Membri Tekniċi tal-Bord u jidher ċar u evidenti illi l-appell sar purament sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet jakkwista ż-żmien billi huwa ben saput illi l-*waiting time* bejn meta jiġi ntavolat appell sakemm jiġi appuntat għas-smiegħ jistgħu jgħaddu madwar tliet snin u nofs.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddegretat ir-rikors tal-esponenti fejn talbu l-appuntament għas-smigħ tal-appell fit-23 ta' Jannar 2015 fejn saħqet li l-appell in kwistjoni għandu jiġi appuntat għas-smigħ meta jmissu t-*turn* – voldieri li l-esponenti joqgħodu f'*queue* ta' madwar tliet snin u nofs u f'dan l-*queue* hemm diversi appelli oħra mill-Prim' Awla.

Illi bħalissa hemm madwar 30 kawża deċizi mill-imsemmi Bord li huma pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, hekk kif jidher mill-prospett anness Dok. A u minn dawn l-ebda m'hi appuntata għas-smigħ fil-preżent.

Illi sa meta ġiet fis-seħħ l-emenda fil-liġi permezz tal-Att XXI tal-2009, id-dritt ta' appell minn sentenzi tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet kien limitat għal punt ta' dritt/liġi. Jekk wieħed iqis l-appelli li ġew intavolati minn wara tali emenda u li ġew effettivament deċiżi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, dawn jammontaw għal madwar 12. Bejn wieħed u ieħor dawn l-appelli ħadu bejn tlieta u erba' snin sakemm ġew deċiżi jekk wieħed jikkunsidra meta ingħatat is-sentenza tal-Onorabbli Bord u meta ngħatat dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Dan b'eċċezzjoni ta' żewġ każijiet li t-tnejn li huma jġibu l-istess okkju li tela' quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell li tat deċiżjoni fejn intbagħtu lura l-atti lill-Onorabbli Bord, u b'hekk fuq rikors tar-rikorrenti, l-appell mit-tieni deċiżjoni tal-Bord instemgħu b'urġenza. Dan kollu jidher mill-prospett anness Dok. B.

Illi għalhekk allura huwa evidenti illi r-rimedju tal-Qorti tal-Appell se jdum u jekk jistennew it-*turn* tagħhom għandhom madwar erba` snin jistennew u għalhekk m'huwiex rimedju xieraq u effettiv, anki meta wieħed jikkunsidra li l-kawżi jdumu madwar tliet snin jew fuqhom biex jiġu appuntati għas-smigħ.

Illi apparti dan il-proċess ta` espropju beda fl-2011 u ftit wara l-Gvern ħa pussess tal-proprjeta` u sal-lum il-proċess

għall-ħlas tal-kumpens lill-esponenti għadu ma ġiex kompletat.

L-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jistipola li *"kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli"*. Illi l-esponenti jissottomettu illi d-drittijiet tagħhom taħt dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni msemmija ġew u jkomplu jiġu lezi minħabba t-tul tal-proċedimenti, liema tul ma jiddependix minnhom.

Illi speċifikament fil-każ ta' Zielinski and Pradal & Gonzalez and Others v. France (24846/94, 34165/96, 34173/96) deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Ottubru 1999, dik il-Qorti rriteniet illi:

***"(a) Complexity of the case***

*69. The Court considers that the subject matter of the case before the domestic courts was undoubtedly complex, as was confirmed by the finding in the Court of Cassation's judgments of 22 April 1992 that the reference index had ceased to exist (see paragraph 18 above).*

***(b) Conduct of the applicants***

*70. The Court can find nothing to suggest that the applicants were responsible for prolonging the proceedings. In particular, the date on which the applicants' grounds of appeal were filed had no effect on*

*the Colmar Court of Appeal's setting down of the case for hearing (see paragraph 40 above).*

***(c) Conduct of the judicial authorities***

*71. The Court finds that the proceedings lasted three years, eight months and eight days in the Colmar Court of Appeal. Although the appeals had been lodged on 10 September 1991 (see paragraph 39 above), the Court of Appeal did not set a date for the hearing until 12 July 1994, almost three years later (see paragraph 40 above). The Court considers that no persuasive explanation of that delay has been put forward. In particular, it notes that the Colmar Court of Appeal had already ruled on the issue of the IDP in its judgments of 23 September 1993 (see paragraph 20 above), more than two years after the appeals lodged in the instant case. Furthermore, the Colmar Court of Appeal's judgment was delivered on 18 May 1995 (see paragraph 41 above), almost a year and a half after the passing of the Act of 18 January 1994.*

***(d) Conclusion***

*72. Having regard to all the evidence, the Court considers that the "reasonable time" within which Article 6 § 1 requires a case to be heard was exceeded.*

*There has accordingly been a violation of Article 6 § 1 of the Convention as regards the length of the proceedings."*

Illi fil-każ bl-ismijiet Kincses v. Hungary (66232/10) deċiż mill-istess Qorti fis-27 ta' Jannar tal-2015, dik il-Qorti rriteniet illi:

*"46. The period to be taken into consideration began at the latest on 24 April 2003 when the applicant contested the initiation of disciplinary proceedings (see Philis v. Greece (no. 2), 27 June 1997, § 46, Reports of Judgments and Decisions 1997-IV) and ended on 20 April 2010 when the Supreme Court gave a final decision. The period thus lasted some seven years for the proceedings before the Bar and for two judicial instances.*

*In view of such lengthy proceedings, this complaint must be declared admissible.*

*47. The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see, among many other authorities, Frydlender v. France [GC], no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

*48. The Court has frequently found violations of Article 6 § 1 of the Convention in cases raising issues similar to the one in the present application (see Frydlender, cited above).*

*49. Having examined all the material submitted to it, the Court considers that the Government has not put forward any fact or convincing argument capable of persuading it to reach a different conclusion in the present circumstances. Having regard to its case-law on the subject, the Court finds that the length of the proceedings was excessive and failed to meet the "reasonable time" requirement.*

*50. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1 of the Convention."*

Illi għalhekk il-Qorti Ewropea qieset diversi drabi li sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm "żmien raġonevoli" *ai termini* tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni wieħed irid iqis, il-kumplessita` tal-każ, l-imġieba tal-applikant, l-imġieba tal-Awtorita` Ġudizzjarja, u l-importanza tal-oġġett in kwistjoni għall-applikant. Tali leżjoni hija wkoll abbinata mal-art 1 Prot 1 (dritt ta' Proprjeta`) u l-Art 13 (Dritt għal rimedju xieraq u effettiv) tal-Konvenzjoni.

Illi f'dan is-sens l-esponenti jissottomettu li l-każ tagħhom mhuwiex wieħed kumplikat; illi huma m'għamlu xejn ta' detriment fl-andament tal-proċess ġudizzjarju; illi l-oġġett in kwistjoni, kif gia` sottomess, huwa ta' importanza kbira għall-esponenti għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq; l-uniku fatt li jippreġudika d-drittijiet tal-esponenti taħt il-Konvenzjoni u anki taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta huwa t-tul tal-proċeduri kemm quddiem l-Bord u issa iktar u iktar quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'rizultat tal-appell istitwiti mill-Kummissarju tal-Artijiet.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1 Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Art 6, l-Art 1 Prot 1 u l-Art 13 tal-Konvenzjoni u fl-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ġew leżi.

2. Tagħti rimedju xieraq u jekk ikun il-każ tordna li l-appell interpost mill-Kummissarju tal-Artijiet jiġi appuntat għas-smigħ, trattat u deċiż fi żmien qasir u perentorju iżda raġonevoli, hekk kif mifhum mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex tali rimedju jkun verament effettiv.

3 Tillikwida d-danni pekunjarji u non pekunjari spettanti lill-esponenti minħabba tali leżjoni u tikkundanna lill-intimati li jħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Mejju 2015 fejn appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-18 ta' Gunju 2015. Fid-9:30am u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-intimati b' ghoxrin (20) jum zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet datata 5 ta' Gunju 2015 a fol 45 tal-process fejn esponew :

1 Illi l-allegat ksur ta' drittijiet fondamentali kif sanċiti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol, l-artikolu 6 u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

2. Illi l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigh xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b' liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi ukoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi;

3. Illi skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti;

4 Illi inoltré u mingħajr preġudizzju, hu aċċettat illi ma hemm l-ebda '*time limit'* li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors

tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;

5. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra t-talba tar-rikorrenti irid jiġi ppruvat mhux biss l-allegat dewmien iżda ukoll li l-allegat dewmien huwa wieħed kapriċċuż u li jiżvantaġġa lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi. Madankollu, dan ma huwiex minnu fil-każ odjern;

6. Illi mill-atti proċesswali tal-kawża numru 9/2011 fl-ismijiet ***Joseph Dei Conti Manduca (ID 53238M), Mary Louise Manduca (ID 353236M), Therese Calleja (ID 435039M), Jean De' Conti Manduca (ID 516140M), Marguerite De' Conti Manduca (ID 288948M) f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħuha assenti Louis Manning (Tax number 885710710, UK Passport number 212716187), Raymond De' Conti Manduca (ID 177844M), David De' Conti Manduca (ID 213045M), Helen Leone Ganado (ID 1056646 M), Angele Vella (ID 94250M) u Bernard De Conti Manduca (ID 780053M) vs l-Kummissarju tal-Artijiet***, jirriżulta li l-proċeduri tal-espropju nbdew fid-29 ta' Marzu 2010 permezz tal-Avviżi Numru 304, 305, 309 u 310[1] fil-Gazzetta tal-Gvern. Filwaqt li l-proprjetà li għaliha jirreferi l-Avviz Numru 304 ġiet rilaxxata permezz ta' Avviż Numru 972 fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Settembru 2012, l-esponent Kummissarju

[1] L-Avviż Numru 310 fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Marzu 2010 ġie revokat u maħruġ mill-ġdid fid-19 ta' Ottubru 2011 permezz tal-Avviż Numru 949 sabiex jiġi rettifikat żball fil-kejl tal-art meħuda.

tal-Artijiet ipproċeda skont il-Liġi għall-espropju tal-artijiet l-oħra msemmija fl-Avviżi bin-numru 305, 309 u 310 billi offra kumpens għat-teħid fl-ammont ta' €77,000, €1,533 u €5,446 rispettivament wara li huma ġabu prova tat-titolu tagħhom. Dan il-kumpens ġie sussegwentement ikkontestat quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet permezz ta' rikors datat 3 ta' Mejju 2011 li ġie appuntat għas-smigħ fis-16 ta' Ġunju 2011. Fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2012 ir-rikorrenti għalqu l-provi tagħhom u fis-seduta ta' wara tal-31 ta' Ottubru 2012 l-esponent Kummissarju tal-Artijiet għalaq il-provi tiegħu b'dan illi l-kawża tħalliet għar-rapport peritali li ġie preżentat fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2013. Sussegwentment il-partijiet ingħataw xahar kull wieħed għan-noti u il-każ tħalla għas-sentenza għad-9 ta' Ottubru 2013;

7. Illi b'deċiżjoni datata 22 ta' Ottubru 2014, il-Bord iddeċieda billi laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ffissa l-valur tal-ishma indiviżi tar-rikorrenti abbażi tal-kunsiderazzjoni żbaljata li l-istess huma fabbrikabbli skont applikazzjoni għal bini ta' *Civic Centre* u *Recreation Area* li ġiet approvata mill-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet minkejja li l-artikolu 27(1) tal-Kap. 88 jipprovdi li l-valur tal-art għandu jirrifletti l-valur li kellha fiż-żmien tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President b'dan illi l-valutazzjoni kellha tirrifletti l-valur ta' l-imsemmija artijiet fid-29 ta' Marzu 2010 ċioé triq u *public open space* skont in-*North Harbour Plan.* Konsegwentement il-Kummissarju tal-Artijiet ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u appella minnha kif kellu

kull dritt jagħmel skont il-liġi u kull allegazzjoni li '*l-appell sar purament sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet jakkwista ż-żmien billi huwa ben saput illi l-waiting time bejn meta jiġi ntavolat appell sakemm jiġi appuntat għas-smigħ jistgħu jgħaddu madwar tliet snin u nofs'* hija għal kollox infondata u insostenibbli;

8. Illi in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jistrieħu fuq l-ispekulazzjoni li sakemm l-appell jiġi appuntat għas-smigħ '*jistgħu jgħaddu madwar tliet snin u nofs'* tali ilment huwa infondat u fieragħ. Jirriżulta mill-atti li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat fis-6 ta' Novembru 2014 u r-risposta ġiet intavolata fit-28 ta' Novembru 2014 b'dan illi żgur ma jistax jingħad li meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni kien għadda xi perjodu ta' żmien irraġonevoli li jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;

9. Illi mingħajr preġudizzju, b'referenza għal-lista immarkata '**Dok A**' u eżebita mar-rikors promutur, l-appelli mmarkati bin-numru 1, 2 u 30 fl-imsemmija lista jirriżultaw illum appuntati;

10. Illi huwa manifest għalhekk li fil-proċeduri 9/2011 fl-ismijiet ***Joseph Dei Conti Manduca (ID 53238M), Mary Louise Manduca (ID 353236M), Therese Calleja (ID 435039M), Jean De' Conti Manduca (ID 516140M), Marguerite De' Conti Manduca (ID 288948M) f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħuha assenti Louis Manning (Tax number 885710710, UK Passport number 212716187), Raymond De' Conti Manduca (ID***

***177844M), David De' Conti Manduca (ID 213045M), Helen Leone Ganado (ID 1056646 M), Angele Vella (ID 94250M) u Bernard De Conti Manduca (ID 780053M) vs l-Kummissarju tal-Artijiet*, ir-rikorrenti qegħdin jingħataw smigħ xieraq u pubbliku minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b' liġi u fi żmien raġjonevoli u għalhekk kull allegazzjoni minnhom mressqa li qegħdin jiġu leżi d-drittijiet tagħhom sanċiti permezz ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija manifestament infondata;**

11. Illi dejjem mingħajr preġudizzju u bir-rispett dovut, għal dak li jirrigwarda l-allegata volazzjoni tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jipprovdi li '*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali...*' L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi ukoll li *'Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist - (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li*

*għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta …'*;

12. Illi fiċ-ċirkostanzi odjerni, it-teħid tal-proprjetà in kwistjoni seħħ fl-interess pubbliku, skont il-provvedimenti tal-Kap. 88 u għal ħlas ta' kumpens xieraq li r-rikorrenti kellhom id-dritt jikkontestaw quddiem il-Bord kompetenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi għal dak il-għan, kif fil-fatt għamlu. Isegwi għalhekk li l-imsemmija proċeduri huma pjenament in ottemporanza mad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti 'l fuq ċitati. *Di piú,* l-Artikolu 37 jagħmilha ċara li **kull parti** f'dawk il-proċeduri għandu jkollha dritt ta' appell b'dan illi kull allegazzjoni li l-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet u l-appell interpost mill-esponent Kummissarju tal-Artijiet jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti huwa għal kollox infondat u nsostenibbli;

13. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju ma jissussisti ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea kif qed jallegaw ir-rikorrenti;

14. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* u biss għal grazzja tal-argument li inkisru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors pomutur, allegazzjoni li l-esponenti qegħdin fermament jopponu, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunarju u/jew non-pekunarju ieħor kif mitlub mir-rikorrenti in kwantu:

12.1 Illi l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbilti *standards*; u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* huwa r-rimedju ewlieni;

12.2 Illi f'kull każ u bir-rispett dovut, huwa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi meta l-appell interpost quddiemha għandu jiġi appuntat għas-smigħ, trattat u deċiż;

12.2 Illi dejjem mingħajr preġudizzju, l-ebda danni materjali ma jistgħu jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha kif pretiż mir-rikorrenti;

12.3 Illi f' kull każ, ma hemm l-ebda lok għal danni pekunarji u/jew non pekunarji allegatament sofferti speċjalment iżda mhux biss *in vista* tat-tieni *proviso* tal-artikolu 12(3) tal-Kap. 88, li jipprova ghal hlas ta' imgħax bil-5% fuq il-medja bejn l-ammont offrut mill-Kummissarju esponenti u dak iffissat mill-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet u l-Qorti tal-Appell,

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Peter Borg Costanzi ghar-rikorrenti, Raymond Manduca prezenti; dehru wkoll Dr Sarah Portelli u Dr Michaela Muscat ghall-intimati. Xehed bil-gurament Dr Peter Borg Costanzi, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Peter Borg Costanzi talab li l-atti tal-kawza pendenti fl-Appell imsemmijin fl-atti jifformaw parti mill-atti ta' din il-kawza. Id-difensuri tal-intimati ma opponewx ghat-talba. Il-Qorti ordnat lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali jesebixxi kopja legali ta' dawn l-atti. Dr Peter Borg Costanzi ddikjara li salv li tigi esebita l-kopja tal-atti msemmija ma fadallux provi aktar f' dan l-istadju. Dr Portelli talbet zmien biex tipprezenta affidavit, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzatha tipprezenta tali affidavit sal-15 ta' Settembru 2015 bin-notifika/*visto* tad-difensur tal-kontro-parti. Il-Qorti ddifferixxiet il-kawza ghall-provi li kien fadal tal-intimati jekk kien il-kaz ghat-8 ta' Ottubru 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joseph De Conti Manduca et ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, a fol 367 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet a tenur tad-digriet ta' din il-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Jananr 2016, datata 23 ta' Frar 2016 a fol 377 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet li rrimettew ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet minnhom diga`

pprezentati. Prezenti r-rikorrenti Bernard De Conti Manduca. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju 2016 fid-9:30 a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom fit-termini tal-**Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikoli 6, 13 u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" u dan ghar-ragunijiet esposti fir-rikors promotur; talbu rimedju ghall-tali lezjoni kif ukoll danni pekunjarji u non pekunjarji.

L-intimati eccipew li ma hemm l-ebda ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti. Il-proceduri ghandhom jigu ezaminati fl-assjem taghhom u, inoltre, huwa pacifiku li ma hemm l-ebda *time limit* stabbilit ghall-fini tal-artikoli ccitati. Jghidu li ghandu jigi ppruvat mhux biss l-allegat dewmien imma li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz li jizvantagga lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-Ligi. Jghidu wkoll li t-talbiet jistriehu fuq spekulazzjoni. Inoltre wkoll fil-mertu, li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda lezjoni tad-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-beni taghhom li l-artikolu 13 huwa inapplikabbli

ghat-talbiet odjerni, u, fl-ahhar li ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni ta' danni minn din il-Qorti favur ir-rikorrenti.

**FATTI**

Il-fatti mhumiex in kontestazzjoni. Ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' terz (1/3) indiviz ta' diversi porzjonijiet art sitwati fis-Swieqi, liema artijiet huma elenkati fir-rikors promotur.[2] Billi t-talbiet huma primarjament akkampati fuq dewmien fil-proceduri, ser issir harsa lejn il-kronologija tal-kaz:-

- **29 ta' Marzu 2010** - Pubblikazzjoni ta' erba' Avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern [3] ta' esproprju tal-art in mertu.[4]
- **13 ta' April 2011** - Ittra ufficjali *ai fini* tal-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta[5] - avviz ta' xiri b'titolu assolut.
- **3 ta' Mejju** 2011 - Rikors ipprezentat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet b'kontestazzjoni tal-kumpens offrut mill-Kummissarju.
- **13 ta' Gunju 2012** - ir-rikorrenti ghalqu l-provi.
- **31 ta' Ottubru 2012** - il-Kummissarju ghalaq il-provi.
- **6 ta' Gunju 2013** - gie pprezentat ir-rapport tekniku tal-Periti membri tal-Bord.

---

[2] Riferibbilment ghall-porzjoni indikata taht il-paragrafu (a) (Plot 1) hu pacifiku li din giet rilaxxjata favur is-sidien u ghalhekk ma tifformax aktar parti mill-mertu ta' dawn il-proceduri.

[3] Avvizi numri 304,305, 309 u 310.

[4] Kopji tal-Avvizi gew esebiti minn **Marisa Grech** b'affidavit u mmarkati **Dokti MG1,MG2,MG3**,**MG4,MG5,MG6 u MG7** (billi kien hemm htiega ta' korrezzjoni) a fol 222-239 tal-process.

[5] Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici

- Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru 2013. Kien hemm erba' differimenti sakemm inghatat is-sentenza.
- **22 ta' Ottubru 2014** - Sentenza tal-Bord
- **6 ta' Novembru 2014** - Appell mill-Kummissarju tal-Artijiet ghall-Qorti tal-Appell
- **28 ta' Novembru 2014** - ir-rikorrenti pprezentaw ir-risposta taghhom ghar-rikors tal-Appell.
- **28 ta' Novembru 2014** - kontestwalment mar-risposta taghhom ir-rikorrenti talbu lil-On.Qorti tal-Appell sabiex l-appell in kwistjoni jinstema’ malajr.
- **19 ta' Dicembru 2014** - Risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn ma opponiex.
- **23 ta' Jannar 2015** - Digriet tal-Qorti tal-Appell li ddecidiet li l-Appell in kwistjoni jigi appuntat ghas-smigh meta jmissu it-*turn* tieghu.
- **13 ta' Mejju 2015** - gie pprezentat r-rikors kostituzzjonali odjern.

Sallum l-appell introdott mill-Kummissarju tal-Artijiet ghadu ma giex appuntat.

Rizultanzi ohra fattwali rilevanti jikkonsistu fil-valuri stabbiliti ghall-artijiet esproprjati. Permezz tal-Avvizi ppubblikati, il-Kummissarju tal-Artijiet offra kumpens ta' €77,000, €1,533 u €5,446 rispettivament ghas-sehem ta' terz (1/3) indiviz mit-tlett porzjonijiet in mertu. Dan il-kumpens gie kontestat mir-rikorrenti quddiem il-Bord u ressqu stimi rispettivament ta' €536,666.67, €21,333.33 u €7,666.67, dejjem ghas-sehem taghhom ta' terz (1/3) indiviz.

Illi l-Bord abbraccja l-valuri stmati mill-Periti taghha stess fl-ammonti rispettivament ta' €472,267, €18,800 u €6,667. Il-Kummissarju tal-Artijiet appella mis-sentenza tal-Bord kif fuq premess.

**<u>Xhieda u Provi Prodotti</u>**

Xehed l-**Avukat Peter Borg Costanzi** permezz ta' affidavit (fol 54) u esebixxa zewg *spreadsheets* imhejjija minnu stess (**Dokti PBC1 u PBC2)** li juru rispettivament lista ta' appelli mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet (LAB) intavolati minn Mejju 2009 li gew decizi sal-15 ta' Gunju 2015, u lista ta' appelli pendenti sal-15 ta' Gunju 2015.

Mid-Dok PBC1 jirrizulta li gew decizi 13-il kawza mill-Qorti tal-Appell bejn l-20 ta' Frar 2012 sas-27 ta' Marzu 2015 - medja ta' tlett snin, seba' xhur u 22 jum (1330 jum) bejn is-sentenza tal-LAB u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Kien hemm zewg kawzi, izda li gew rinvijati lill-LAB, decizi u regghu gew appellati. Jekk wiehed jnehhi dawn iz-zewg kawzi mill-kalkolu, id-dewmien ikun ta' medja ta' erba' snin, sitt xhur u sbatax-il jum (1600 jum).

Spjega li l-istatistika migbura f'DOK PC2 hija dwar appelli pendenti u minn dan johrog li kien hemm tlett kawzi appuntati ghas-smigh sal-15 ta' Gunju 2015. Dawn kienu gew decizi mill-LAB fis-sena 2011 u ghalhekk damu aktar minn 1300 gurnata biex jigu appuntati. Kawzi decizi mill-LAB mit-18 ta' Jannar 2012 ‘il quddiem <u>ghadhom ma gewx</u>

appuntati quddiem il-Qorti tal-Appell minnkejja li ghaddew medda ta' tlett snin u nofs.

Ix-xhud, in *viva voce* [6] xehed ukoll li l-ghalqa llum il-gurnata hija zviluppata fi Gnien Pubbliku, Civic Centre u Ghassa tal-Pulizija.

**Xehdet Marisa Grech,** Assistent Direttur (Designate) fis-sezzjoni tal-Kuntratti fid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern.[7] Ikkonfermat id-dokumenti esebiti minnha u spjegat li fil-fehma tal-Kummissarju, il-Bord iffissa il-valur tal-artijiet esproprjati abbazi ta' kunsiderazzjoni zbaljata li l-artijiet kienu fabbrikabbli skont applikazzjni ghal bini ta' *Civic Centre u Recreation Area* approvata mill-MEPA fil-mori tal-proceduri. Il-lanjanza tal-Kummissarju hija fis-sens li l-valur tal-art ghandu jirrifletti l-valur fid-data tal-esproprju bhala triq u *public open space* skont il-*North Harbour Plan.* Ghalhekk hass ruhu aggravat u appella mis-sentenza tal-Bord.

Xehed **Emmanuel Sciriha** Registratur Qrati u Tribunali Civili[8] li esebixxa lista ta' rikorsi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (**Dok ES1)** u qal li hemm 48 kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell minn sentenzi tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. L-ahhar appelli li gew appuntati kienu pprezentati sal-20 ta' Marzu 2012. Qal li l-appelli jigu appuntati skont l-istruzzjonijiet tal-Prim' Imhallef u appelli mill-Bord mhumiex meqjusa bhala *priority cases* imma

[6] Seduta tat-18 ta' Gunju 2015
[7] Affidavit a fol 220 et.seq.
[8] Seduta tat-8 ta' Ottubru 2015.

jidhlu mal-appelli ordinarji. Huwa l-Prim'Imhallef li jappuntahom. Ikkonferma li hemm *waiting time* ta' circa tlett snin u nofs sakemm jigu appuntati.

Illi permezz ta' nota a fol 255, l-intimat esebixxa kopji ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet *Emidio Azzopardi v Kummissarju tal-Artijiet* (Rik 19/2007/3 u 20/2007/3 rispettivament), kif ukoll kopji tal-verbali fid-diversi kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell mill-Bord.

Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2015 id-difensur tar-rikorrenti ivverbalizza li jekk ikun il-kaz din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni gudizzjarja tal-andament tal-kawzi li taghhom giet esebita s-sentenza.

**Ir-Rikors ipprezentat mir-Rikorrenti quddiem l-On. Qorti ta' l-Appell** (fol 28)

Ir-rikorrenti f'dan ir-rikors issottomettew ir-ragunijiet ghaliex fil-fehma taghhom, it-tul ta' zmien qed ikun ta' detriment ghad-drittijiet taghhom. Dawn ir-ragunijiet jifformaw il-pern tal-kawza taghhom illum.

Huma ppremettew li huma anzjani u ilhom jistennew zmien sabiex jigu kkompensati ghall-proprjeta' li ttehditilhom. Inoltre l-art hija zviluppata u okkupata ghat-tgawdija tal-pubbliku filwaqt li huma ghadhom qed jistennew li jigu kkumpensati. Ippremettew ukoll li d-dewmien fi proceduri simili huwa ta' pregiudizzju u jledi d-drittijiet fundamentali tal-individwu (**Peter Azzopardi (Canadian Brothers)**

**kontra r-Repubbblika ta' Malta** - (28177/12 - ECtHR). Ippremettew ukoll li s-sentenza tal-Bord ikkonfermat il-valur likwidat mill-esperti tal-bord u ghalhekk "*jidher car u evidenti li l-appell sar purament sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet jakkwista z-zmien.*"

**Ikkonsidrat** li r-rikorrenti qed jilmentaw principalment dwar id-dewmien li qed jirrinfaccjaw sabiex il-proceduri ta' kumpens jigu kompletati mill-organi gudizzjarji tal-Istat. Dan id-dewmien hu dovut ghall-fatt li l-appell istitwit mill-Kummissarju tal-Artijiet ghadu ma giex appuntat quddiem il-Qorti tal-Appell ghalkemm jirrizulta li l-proceduri bl-iskritt gew kompletati.[9] Madanakollu ghalkemm ir-rikorrenti jilmentaw li l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet gie intavolat biex itawwal il-kaz taghhom din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fl-aspett sostantiv tal-ligi ordinarju hlief biex tevalwa l-komplessita' tal-kaz ghall-fini tal-applikazzjoni tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni. Proprju fuq dan il-punt jinghad li l-garanziji kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni fir-rigward tas-smigħ xieraq kif protetti fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni huma ta’ natura prettament procedurali li bl-ebda mod ma jolqtu l-qofol tal-mertu tal-mertu tal-kontestazzjoni ta’ dritt jew l-obbligazzjoni li jkun qed jigi trattat quddiem xi qorti[10].

Dwar L-istatistika esebita turi, kif anke ikkonfermat mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li appell idum medja ta'

[9] *Vide* Dokti D u E annessi mar-rikors promotur u **l-artikolu 146 tal-Kap.12.**
[10] Kost. **7.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Generali et*** **(Kollez. Vol: LXXXIV.i.127)**.

tlett snin u nofs mid-data tad-decizjoni tal-LAB sas-sentenza mill-Qorti tal-Appell. Ghalhekk ir-rikorrenti jishqu li huwa evidenti li r-rimedju tal-Appell ser idum jekk jistennew it-*turn* taghhom skont kif gie provdut mill-Qorti tal-Appell. Huma jissottomettu li dan mhuwiex rimedju xieraq u effettiv ghall-esproprju li sofrew. Aparti minn dan, l-esproprju sehh fil-bidu tas-sena 2011 u sallum il-proceduri ghall-hlas ta' kumpens xieraq ghadhom mhumiex kompletati minnkejja li jirrizulta li l-art taghhom illum huwa zviluppat u disponibbli ghall-uzu tal-pubbliku. Dan meta il-kaz taghhom mhuwiex wiehed ikkumplikat, u ma ikkontribwewx ghad-dewmien.

**Smigh Xieraq - Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

L-**art.39(2) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**Ukoll fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi....*"

Illi f'dan ir-rigward l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jiktbu li *"the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively"*[11].

Illi ngħad ukoll b'awtorita`mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam.* Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża.[12]

Dan id-dritt jirrispetta wkoll l-principju tal-effikacja (*effectiveness)*[13] billi dewmien esagerat jimmilita kontra l-access garantit ghall-gustizzja li ghandu jigi zgurat mill-Istat lil kull cittadin. Kif jghidu l-awturi **Jacobs White & Ovey:-**

"*The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility."*[14]

---

[11] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[12] Kost. 10.6.1966 fil-kawża fl-ismijiet **Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et** (mhix pubblikata)
[13] H. v. France, (1989).
[14] *The European Convention on Human Rights* - 6th ed. p.273 fejn jiccitaw mis-sentenza tal-ECHR fil-kaz :**Bottazzi v Italy** App. Nru 34884/97 - 28 Lulju 1999.

Illi l-mertu tal-kawza bejn il-kontendenti quddiem il-Qrati ordinarji jikkoncerna l-likwidazzjoni ta' kumpens dovut lis-sidien ghall-esproprjazzjoni tal-art taghhom. Id-dewmien f'din il-materja kien gie trattat fil-kaz **Deguara Caruana Gatto v. Malta,**[15] fejn il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti:

*"Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see* ***Akkus v Turkey,*** *9 July 1997 para.29/} The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to* which they are entitled. [see **Aka v Turkey**, 23 September 1988 para.49..].

Madanakollu d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien ragonevoli m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[16].

Ikkonsidrat li, b'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smigh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif mitlub mill-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** u

---

[15] deciza - 9 Lulju 2013.
[16] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)

mill-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari: (1) in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni (2) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u (3) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.[17] Ma' dawn wiehed ghandu jzid *"the importance of what was at stake for the applicant in the litigation " (*Ara ad.ez. ***Price and Lowe v. the United Kingdom,*** nos. 43185/98 and 43186/98, § 20, 29 July 2003;***Frydlander v France*** App.Nru. 30979/96,27 Jun 2000)[18].

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "**Theuma vs Avukat Generali" deciza fis-27 ta' Gunju, 2003**, b'referenza anke ghall-awturi esteri fuq il-materja, kompliet tamplifika hekk fuq dawn il-kriterji:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:*

---

[17] **Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali**, deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ccitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Sydney Ellul Sullivan v Kummissarju tal-Pulizija et** - 28 ta' Jannar 2013.

[18] Ezempji jinkludu proceduri istitwiti minn persuna marida bl-AIDS ghall-kumpens (***A and Others v Denmark*** **-** App.Nru.20826/92,8 Feb.1996; jew kazijiet li jinvolvu r-relazzjonijiet bejn genituri u uliedhom **(*H v United Kingdom*** - App.Nru.9480/81 - 8 July 1987.

*'When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions*...".

Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[19];

Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[20] Dan kollu jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[21]

---

[19] Kost. 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Said vs L-Avukat Ġenerali**
[20] Q.Kos. Emanuela Brincat v. L-Avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]
[21] Q.Kos. Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali, 15/12/2015

**Obbligu tal-Istat u tal-Awtoritajiet Gudizzjarji**

Kif inghad diversi drabi mill-qrati taghna u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa l-istat li ghandu obbligu li jindirizza dawn in-nuqqasijiet.

Illi gie wkoll ritenut li in kwantu d-dmir ewlieni li l-kawzi jitmexxew b'heffa u efficjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti teknici, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom. L-istat m'ghandux ikun ezonerat minn responsabbilita' ghal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja.[22]

Hekk gie ribadit fil-kaz fuq citata **Central Mediterranean Development Corporation Limited v Avukat Generali et.** fejn il-Qorti għamlet referenza għall-kawżi **Vocaturo vs Italy[23]** u G.H vs Austria[24], fejn il-Qorti Ewropea irriteniet li: *'It is for contracting states to organize their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".*

Illi hu pacifiku wkoll li d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-dritt li jassigura l-

[22] *Vide* App.S 30/2013 Iris Cassar v. Avukat Generali, deciz fis-27 Marzu 2015
[23] ECHR: 24 ta' Mejju, 1991
[24] ECHR: 3 ta' Ottubru, 2000

eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.[25]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju li l-kaz litigat mir-rikorrenti fil-fazi tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg ma kienx jipprospetta xi komplessita' legali jew fattwali partikolari. Minn ezami tal-*iter processwali* fil-fatt lanqas jirrizulta li kien hemm xi dewmien irragjonevoli jew esagerat da parti tal-awtoritajiet.

Hekk gie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et**[26] "*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija*." Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "...*(that article) imposes on the Contracting States the duty to organize their judicial systems in such a way that the Courts can meet the*

---

[25]Kost. 23.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Manduca vs Prim Ministru (Kollez. Vol: LXXIX.i.1 f'paġ. 23)
[26]P.A. Kost. 29.10.1992 (mhux ippubblikata)

*requirements of this provision* [**Salesi vs Italy (26/2/1993**)]. *It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility".* [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]". (Ara wkoll **Horvat vs Croatia** (26/7/2001)"; "**Busuttil vs Avukat Generali**" deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2013, fost oħrajn).

Illi l-Qorti Ewropea kellha okkazzjoni tikkummenta dwar dewmien sistemiku li jista' jiġi okkazzjonat minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ.

Fil-kaz **Kudla v Poland** [27] sabet hekk:-

*"148. In the Court's view, the time has come to review its case-law in the light of the continuing accumulation of applications before it in which the only, or principal, allegation is that of a failure to ensure a hearing within a reasonable time in breach of Article 6 § 1.*

*The growing frequency with which violations in this regard are being found has recently led the Court to draw attention to "the important danger" that exists for the rule of law within national legal orders when "excessive delays in the administration of justice" occur "in respect of which litigants have no domestic remedy" (see, for example, Bottazzi v. Italy [GC], no. 34884/97, § 22, ECHR 1999-V; Di Mauro v. Italy [GC], no. 34256/96, § 23, ECHR 1999-V; A.P. v. Italy [GC], no. 35265/97, § 18, 28 July 1999,*

[27] *Application no. 30210/96 -26 10,2000*

*unreported; and Ferrari v. Italy [GC], no. 33440/96, § 21, 28 July 1999, unreported)."*

Ukoll rriteniet li "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness* "[**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. *However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[28]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita` wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organize their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[29]*;*

**Il-kaz odjern**

Illi fil-kaz odjern, filwaqt li l-proceduri quddiem il-Bord jinsabu maghluqa, dawk quddiem il-Qorti tal-Appell ghadhom ma gewx appuntati ghas-smigh ghalkemm il-proceduri bil-miktub huma konkluzi.

[28] Ara QEDB 01.07.1997 fil-kawża fl-ismijiet **Pammel & Probsteiner vs Ġermanja** (Applik. Nru. 17820/91) § 69
[29] Harris, O'Boyle & Warbrick, op. cit., paġ. 227

Illi ghalhekk il-Qorti qegħda tifhem l-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża huwa msejjes fuq id-dewmien fl-għoti tal-ewwel appuntament tas-smigħ fl-appell mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża mill-Bord tal-Arbitragg u mhux dwar xi aspett fil-mertu tal-istess.

Inoltre ghandu jigi precizat li r-rikorrent huwa korrett meta jorbot id-dewmien esagerat fil-proceduri gudizzjarji ma' ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** billi dan inevitabbilment jimmilita kontral-effikacja tar-rimedju, u jwassal ghad-dewmien fil-kumpens mill-Istat tal-esproprjazzjoni subita u jaghti lok ghall-*non pecuniary damages.*[30]

Illi l-Qorti hija investita b'kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali fejn persuna tqies li hija 'vittma' ta' allegat ksur tad-drittijiet fondamentali taghha mhux biss meta l-lezjoni gja sehhet imma anke meta tkun x'aktarx ser issehh (skont l-**Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni** u l-artikolu 4 **(1)** korrispondenti **tal-Kap. 319).** Dan ifisser li l-element ta' attwalita' ta' interess guridiku mhuwiex necessarju f'rikorsi ghall-protezzjoni ta' drittijiet fondamentali[31].

Madanakollu jirrizulta minn qari tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u d-dottrina fir-rigward li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiskatta principalment fil-kuntest ta' proceduri mehuda fl-assjem taghhom (*procedures taken as a whole).* Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dewmien tal-proceduri,

---

[30] **Case of Azzopardi v Malta** - ECHR App. 28177/12 - 6 Nov.2013 para 18.
[31] **Imh.Em. Prof. G. Mifsud Bonnici** *Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms* , p. 16.

huwa assodat li l-perjodu rilevanti ghandu jikkomprendi mhux biss il-bidu tal-proceduri imma t-terminazzjoni taghhom b'sentenza definittiva.

Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Koenig v Germany** [32]:-

**"98.......***As regards the period to which Article 6 (art. 6) is applicable, the Court has held that in criminal matters this period covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (above-mentioned Wemhoff judgment, pp. 26 and 27, paras. 18 and 20; above-mentioned Neumeister judgment, p. 41, para. 19; Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, paras. 25 and 26). The position - as, moreover, the Government concede - is no different in the case of disputes ("contestations") over civil rights and obligations for which Article 6 para. 1 (art. 6-1) likewise requires that there be - at first instance, on appeal or in cassation – a determination."*

L-istess jghidu l-awturi fuq citati[33]:

"*The period to be taken into consideration lasts until the final determination of the case, and therefore includes appeal or cassation proceedings."*

[32] *Application* Nru. 6232/73 - 28 Gunju 1978
[33] 3rd ed. P 167

Hekk ukoll fil-ECHR Handbook (2012) "***Protecting the right to a fair trial under the European Convention on Human Rights"***[34]

*"The end of the period for the purpose of the "reasonable time" requirement is the date of notification of the final domestic decision determining the dispute by a higher court, excluding the enforcement proceedings (Burdov), but including constitutional review proceedings where they directly affect the outcome of a dispute (Buchholz v. Germany, §§46-63)."*

Fil- "***ECHR Handbook Guide on art. 6 - Right to a Fair Trial (Civil Limb)***[35]insibu spjegat:-

*"275. As to when the period ends, it normally covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (König v. Germany, § 98 in fine) and extends right up to the decision which disposes of the dispute (Poiss v. Austria, § 50). Hence, the reasonable-time requirement applies to all stages of the legal proceedings aimed at settling the dispute, not excluding stages subsequent to judgment on the merits (Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29)."*

Inoltre huwa pacifiku li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni japplika ghall-proceduri quddiem il-Qrati tat-tieni istanza u anke ta' Kassazzjoni.

[34] Strasbourg 2012, p 74
[35] *Council of Europe/European Court of Human Rights, 2013 - case-law references have been updated to 1 May 2013.*

Illi gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz ***Kudla v Poland*** fuq citat:

*"1. The Court reiterates that Article 6 § 1 does not compel the States to set up courts of appeal or of cassation. Nevertheless, a State which does institute such courts is required to ensure that persons amenable to the law shall enjoy before them the fundamental guarantees contained in Article 6 (see, among other authorities, the Delcourt v. Belgium judgment of 17 January 1970, Series A no. 11 pp. 13-15, § 25, and the Brualla Gómez de la Torre v. Spain judgment of 19 December 1997, Reports 1997-VIII, p. 2956, § 37).*

*While the manner in which Article 6 is to be applied in relation to courts of appeal or of cassation depends on the special features of the proceedings in question, there can be no doubt that appellate or cassation proceedings come within the scope of Article 6 (see, mutatis mutandis, the Twalib v. Greece judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, pp. 1427-28, § 46). Accordingly, the length of such proceedings should be taken into account in order to establish whether the overall length of the proceedings was reasonable."*

Illi fil-kaz odjern il-proceduri quddiem il-Bord jinsabu maghluqa filwaqt li l-Appell ghadu mhux appuntat ghall-ewwel smigh. Dwar dan il-punt hija ta' rilevanza l-emmenda

introdotta bl-Att XIV tas-sena korrenti ghall-**artikolu 207 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe`:

*"Iżda fil-każ tal-paragrafi (a) u (b), jekk il-partijiet, fi żmien tletin ġurnata wara li s-sottomissjonijiet bil-miktub jitqiesu li ġew konklużi, jippreżentaw fir-reġistru nota konġunta li fiha jiddikjaraw li ma għandhom l-ebda sottomissjonijiet verbali jew bil-miktub x'jagħmlu, il-qorti fi grad ta' appell tista' tħalli l-kawża għas-sentenza f'data li ma tkunx aktar tard minn sitt xhur mill-preżentata tan-nota.".*

Din id-dispensa mis-smigh hija intiza biex thaffef il-proceduri billi tnaqqas il-htiega ta' smigh f'kull appell, izda mhix biss fl-ghazla tar-rikorrenti billi jenhtieg il-kunsens taz-zewg kontendenti. Ghalhekk wahidha din l-emmenda hija ineffikaci ghall-fini ta' din il-kawza ghalkemm tajjeb li jsir accenn ghaliha billi tirraprezenta mod kif il-listi jigu liberati billi s-sottomissjonijiet ikunu gja saru estensivament bil-miktub.

Jigi senjalat ukoll li r-Registratur Qrati u Tribunali Civili xehed li l-appelli mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ma jinghatawx prijorita imma jidhlu mal-appelli ordinarji, appuntabbli skont l-istruzzjonijiet tal-Prim' Imhallef.[36] Qal ukoll b'riferenza ghal-lista esebita minnu **DOK ES1** li hemm 48 kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell minn sentenzi tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. L-ahhar appelli li gew appuntati kienu pprezentati sal-20 ta' Marzu 2012 u hemm *waiting time* ta' circa tlett snin u nofs sakemm jigu

[36] Seduta tat-8 ta' Ottubru 2015.

appuntati. Bazikament dan jikkonferma t-tezi tar-rikorrenti dwar id-dewmien previst ghas-smigh tal-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-kaz taghhom.

Illi l-Qorti trid tezamina l-kaz fl-istadji kollha tieghu. Quddiem il-Bord ma jistax jinghad li l-kaz kien jipprezenta xi komplessita' fattwali u legali li jiggustifika xi tul ta' zmien ghar-risoluzzjoni tieghu. Kollox ippernja fuq il-valur tal-art esproprjat ghall-fini ta' kumpens lis-sidien filwaqt li l-appell jindirizza punt prettament legali - l-interpretazzjoni tal-**artikolu 27(b) tal-Kap 88.** Dan l-artikolu jiddisponi li l-kumpens moghti ghandu jkun ibbazat fuq dak il-valur li kien igib is-sid kieku l-art kienet mibjugha minnu volontarjament fuq is-suq miftuh. Il-valur gie stabbilit mill-Periti esperti tal-Bord u s-sentenza taddotta l-istima taghhom. Mill-atti tal-kawza mismugha quddiem il-Bord jirrizulta li l-kaz ipprosegwa b'ritmu regolari minghajr dewmien esagerat bejn differiment u iehor. Il-kaz kien inbeda b'rikors intavolat fit-3 ta' Mejju 2011 u l-istess rikorrenti ghalqu l-provi fit-13 ta' Gunju 2012. Ftit xhur wara, fit-31 ta' Ottubru 2012, ghalaq il-provi tieghu il-Kummissarju tal-Artijiet u fis-6 ta' Gunju 2013 l-esperti tal-Bord ipprezentaw ir-rapport tekniku taghhom. Is-sentenza finali inghatat fit-22 ta' Ottubru 2014.

Ir-rikorrenti ghamlu riferenza ghall-appell iehor mill-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Emidio Azzopardi v Kummissarju tal-Artijiet** sabiex jipparagunaw iz-zmien mehtieg ghad-decizjoni finali f'dik il-kawza. Izda l-ilment tar-rikorrenti ghandu jigi ezaminat fil-qafas tal-proceduri partikolari ghall-kaz taghhom u c-cirkostanzi partikolari

ghall-kazijiet ohra mhumiex ta' rilevanza ghal dawn il-proceduri. L-istatistika esebita, minn naha l-ohra, hija ta' rilevanza izda, fil-fehma tal-Qorti mhix fiha nnifisha determinanti ghas-soluzzjoni f'dan il-kaz.

L-ewwel punt li trid taghmel din il-Qorti hija li l-istatistika taghti biss indikazzjoni ta' x'jista' isir. Fil-kaz ***Capuano v Italy***[37] il-Qorti Ewropea ma kkonsidratx dewmien fi proceduri tal-appell billi d-dewmien esagerat kien gja gie riskontrat fil-proceduri quddiem il-Qrati ta' grad inferjuri:

*"34. The appeal proceedings were set in motion some four years ago and no judgment on the merits has yet been delivered. This lapse of time, which in itself appears excessive, followed earlier proceedings which had already lasted too long. In these circumstances, the Court sees no need to scrutinize the various phases of the appeal proceedings and, in particular, to express an opinion on the expediency of the decision, taken by the Potenza Court of Appeal in the exercise of its discretion, that further inquiries were necessary."*

F'dik is-sentenza wkoll jidher car li l-Qorti Ewropea sabet li it-trapass ta' erba' snin ghall-proceduri quddiem Qorti ta' Appell kien gja perjodu eccessiv tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi f'każ ta' appell, l-obbligu ta' smigħ xieraq, trattazzjoni u deċiżjoni huwa aktar impellenti u doveruż, għaliex mhux

[37] Case No. 7/1986/105/153 - 25 June 1987

biss l-appellant imma l-parti appellata wkoll (jekk mhux iżjed) għandha dritt għal tali smigħ xieraq fi żmien ragonevoli. Għalhiex, daqskemm il-parti telliefa fl-ewwel istanza għandha jedd li tressaq appell minn sentenza quddiem Qorti ogħla, daqstant ieħor, b'ħarsien tal-principju accettat tal-*equality of arms*, il-parti rebbieħa għandha jedd tistenna li tieħu sentenza mit-tieni Qorti bla dewmien żejjed[38];

Illi izda, dwar proċeduri ta' appell, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Nicholas Debono et vs Reġistratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et** maqtugħa fit-30 ta' Ġunju 2003, wara li varjat is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza, kienet qalet li "*din il-qorti hi tal-fehma li terminu ta' ftit anqas minn sentejn u ħames xhur bejn l-introduzzjoni tar-rikors ta' appell u l-ewwel smigħ tal-appell ma hux, fih innifsu, xi żmien irraġonevoli biex Qorti ta' Appell tibda tisma' appell".*

Kollox jiddependi minn natura tal-kaz u anke, fil-kaz hawn appena citata, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghal dik il-fehma wara li kkonsidrat li ghalkemm il-kawza in mertu fl-ewwel grad taghha ma kienetx ta' *facile spedizione*, kull ma kien fadal kien biss il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna ghall-hlas.

[38] Kost. **13.10. 1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Urso vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.115**) citat b'approvazzjoni mill-Prim'Awla (Sede Kost.) fil-kaz **Nicholas Debono et v Registratur Principali tal-Qrati tal-Gustizzja et.**, 29 April 2003.

Illi r-rikorrenti talbu li l-kaz taghhom jigi trattat b'urgenza izda din il-Qorti ma taqbilx li tali kawza kienet tipprezenta xi ragunijiet partikolari sabiex tinstema' qabel l-ohrajn.

Fil-kazijiet ikkonsidrati hawn fuq, l-appell kien gja gie appuntat ghas-smigh (fil-kaz ta' Debono gie appuntat fil-mori tal-proceduri) filwaqt li llum, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti hija l-possibilita' ta' lezjoni tenut kont il-*waiting time* medja ta' tlett snin u nofs ghall-ewwel smigh attwalment riskontrat f'appelli minn sentenzi tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet. Effettivament jekk wiehed kellu jiehu d-data tas-sentenza tal-Bord bhala l-ewwel data (14 ta' Ottubru 2014) sallum, jirrizulta li ghaddew gja sena u seba' xhur minghajr l-appuntament ghall-ewwel smigh. It-tezi tar-rikorrenti tmur *ben oltre*, u wiehed jifhem li jipprospettaw <u>bhala probabilita'</u> li ser ikollhom jistennew il-perjodu shih ta' mill-inqas tlett snin u nofs.

Izda fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tali ragunar mhux permissibbli fil-parametri tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi l-gurisprudenza u d-dottrina jistabbilixxu l-principju li l-proceduri iridu jigu mkejla fl-assjem taghhom. Kien ikun ben altru li kieku l-jedd ghas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli tar-rikorrenti gja gie lez fl-andament tal-proceduri quddiem il-Bord u f'tali sitwazzjoni, il-perjodu ulterjuri ta' stennija ghall-appell johloq aggravju tal-vjolazzjoni gja subita. Izda ma jistax jinghad li l-aggravju jezisti llum u dan unikament minhabba li ghadu ma ghaddiex zmien bizzejjed ghall-appuntament quddiem il-

Qorti tal-Appell u huwa koncepibbli li l-kaz ma jdumx biex jigi appuntat kif mahsub mir-rikorrent.

Illi fil-kaz ta' ***G. v. Italy*** iccitat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Debono** fuq imsemmi l-applikant kien qed jilmenta *"…that he had to wait thirty-six months for the first instance and second instance decisions despite the fact that there was statutory provision for shorter time-limits in labour disputes"*; kif ukoll li *"…the period of nearly two years between the filing of the appeal (11 July, 1986) and the hearing in the competent chamber (1 July, 1988) had in itself infringed Article 6"*, u li *"…in addition the president of the chamber in question had refused to comply with the applicant's request that the date of the hearing be brought forward."* F'dan il-kaz, il-Qorti Ewropea sabet li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1).

Kif gja premess huwa l-obbligu tal-Istat li jorganizza l-amministrazzjoni tal-gustizzja b'mod efficjenti billi jipprovdi l-infrastruttura effikaci ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja bir-rispett shih ghall-artikoli 39(2) u 6(1) fuq citati.

Ghalhekk f'dan l-istadju tal-proceduri inkorsi mir-rikorrenti, fejn iz-zmien shih ghall-istennija ghadu dibatibbli, din il-Qorti tista' biss tissenjala l-htiega li z-zmien ta' stennija jigi indirizzat u ridott. **Anzi tosserva li jekk *all things being equal,* ir-rikorrenti ghandhom jistennew tliet snin u nofs mill-prezentata tar-rikors tal-appell, ir-rikorrenti jistghu jigu esposti ghal-lezjoni ikbar billi ikun ghadda bejn 8 u 9 snin mill-esproprju minghajr ma jinghataw**

**kumpens xieraq**. Dan certament ma jkunx permissibbli anke fil-parametri tal-dritt ta' smigh xieraq u tal-artikolu1 tal-Ewwel Protokoll.

Ghaldaqstant il-Qorti, fid-dawl tal-kriterji premessi fic-cirkostanzi odjerni ma ssibx li gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif garantiti bl-artikoli invokati minnhom, u konsegwentement ma ssibx li huma dovuti r-rimedji pekunjarji u non-pekunjarji mitluba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi **tichad** it-talbiet tar-rikorrenti b'riserva lir-rikorrenti li jkunu jistghu jressqu talba simili f'kaz li l-appell taghhom idum ma jigi appuntat u f'dak il-kaz, jistghu isofru lezjoni tad-drittijiet taghhom ghas-smigh xieraq u ghar-rimedju effettiv ghall-esproprju subit.

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Mejju 2016**